**XEWKIJA - ŻVILUPP**

***120. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru għall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni: Peress li r-residenti tax-Xewkija, Għawdex qed jistaqsu u jinsabu nkwetati ħafna dwar l-iskavar li qed isir fix-Xewkija stess, ħdejn l-*industrial estate*, għal xi żvilupp in konnessjoni ma' l-Enemalta, jista' l-Ministru jispjega eżatt fhiex jikkonsisti dan l-iżvilupp u għal xhiex ser jintuża? Jista' jintavola l-pjanti opportuni u kopja ta' l-applikazzjoni għal permess tal-MEPA fuq il-mejda tal-Kamra?

13/05/2008

**ONOR. AUSTIN GATT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li r-risposta tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta Numru 5
19/05/2008

**GĦAWDEX, RABAT - TRIQ SANTA DMINKA**

***121. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru għall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni: Peress li r-residenti ta' Triq Santa Dminka, Rabat, Għawdex qed jilmentaw minħabba l-fatt li kull meta tagħmel kwantita' ta' xita din it-triq qed tispiċċa mgħarrqa u dan b'dannu u inkonvenjent kbir għar-residenti ta' din it-triq, jista' l-Ministru jara li din is-sitwazzjoni tiġi ndirizzata kemm jista' jkun malajr?

13/05/2008

**ONOR. AUSTIN GATT:** Nitlob lill-Onor Interpellant jirreferi il-mistoqsija tiegħu lill-Ministru għal Għawdex.

Seduta Numru 5
19/05/2008

**GOZO 1234**

***122. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru għal Għawdex: Tista' l-Ministru tpoġġi fuq il-mejda tal-Kamra kopja tal-ftehim milħuq ma' l-organizzaturi tal-Gozo1234 kif ukoll tagħti dettalji kollha opportuni dwar l-għażla ta' l-istess organizzaturi u tgħid kemm il-Gvern kellu fondi a disposizzjoni tiegħu għal din l-attivita' u tagħti *breakdown* ta' kif dawn il-fondi ġew utilizzati?

13/05/2008

**ONOR. GIOVANNA DEBONO:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jaghmel il-mistoqsija lill-Ministru koncernat.

Seduta Numru 5
19/05/2008

**GĦAWDEX - APPLIKAZZJONIJIET GĦAL ŻVILUPP**

***123. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jgħid kemm applikazzjonijiet għall-iżvilupp ġew sottomessi għand il-MEPA dwar żvilupp f'Għawdex separatament fis-snin 2003, 2004, 2005,2006,2007? Kemm minn dawn l-applikazzjonijiet ġew sottomessi minn periti li għandhom l-uffiċċju tagħhom f'Għawdex u kemm minn periti li għandhom l-uffiċċju tagħhom Malta separatament sena b'sena mill-2003 sas-sena 2007?

13/05/2008

**ONOR. LAWRENCE GONZI:** Qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra żewġ tabelli li jagħtu l-figuri mitluba. Din l-informazzjoni hija miġbura mis-sistema ta' l-informatika ta' l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar.

Seduta Numru 5
19/05/2008

**GĦAWDEX - APPLIKAZZJONI GĦALL-GĦALLIEMA**

***124. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru għall-Edukazzjoni, Kultura, Żgħażagħ u Sport: Tista' l-Ministru tgħid kemm-il sejħa għall-applikazzjoni għall-għalliema ħarġet fi skejjel speċjali f'Għawdex f'dawn l-aħħar tlett snin separatament, kemm applikaw u kemm eventwalment ġew ingaġġati? Tista' inoltre tgħid jekk f'dawn is-sejħiet isirux xi *interviews* jew xi tip ta' process ta' selezzjoni?

13/05/2008

**ONOR. DOLORES CRISTINA:** Għandi ninfurmak li f' Għawdex m'hemmx skejjel speċjali, għaldaqstant f' dawn l-aħħar tlett snin ma ħarġet l-ebda sejħa għall-għalliema.

Seduta Numru 5
19/05/2008

**KAMPANJA DWAR L-INTRODUZZJONI TA' L-EWRO**

***125. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment: Jista' l-Ministru jgħid kemm swiet l-kampanja ta' tagħrif dwar l-introduzzjoni ta' ewro u jagħti *breakdown* ta' l-ispejjeż?

13/05/2008

**ONOR. ANTONIO FENECH:** Risposta tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta Numru 5
19/05/2008

**KAMPANJA DWAR L-INTRODUZZJONI TA' L-EWRO**

***125. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment: Jista' l-Ministru jgħid kemm swiet l-kampanja ta' tagħrif dwar l-introduzzjoni ta' ewro u jagħti *breakdown* ta' l-ispejjeż?

13/05/2008

**ONOR. TONIO FENECH:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba mogħtija għall-Mistoqsija Parlamentari numru 710.

Seduta Numru 16
11/06/2008

**SKEJJEL F'GĦAWDEX - TFAL**

***156. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru għall-Edukazzjoni, Kultura, Żgħażagħ u Sport: Tista' l-Ministru tgħid kemm hemm u kien hemm hemm tfal, bniet u subien separatament, f'kull skola ta' Għawdex f'dawn l-aħħar ħames snin? Tista' tgħid ukoll kemm hemm *staff compliment* għal kull skola separatament?

13/05/2008

**ONOR. DOLORES CRISTINA:** Qed il-Mejda tal-Kamra l-informazzjoni mitluba mill-Onorevoli Interpellant għall-Mistoqsija Parlamentari numru 156,

Seduta Numru 6
20/05/2008

**DECOMPRESSION CHAMBER - TOBBA**

***158. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru għal Għawdex: B'riferenza għall-ingaġġ ta' tobba għad-*decompression chamber*, tista' l-Ministru tgħid kemm kien hemm applikanti, kemm intgħażlu, min qed jagħti t-taħriġ u kemm se jiġi jiswa dan it-taħriġ?

13/05/2008

**ONOR. GIOVANNA DEBONO:** Ninsab infurmata li gew identifikati zewg tobba biex ikunu responsabbli mid-*decompression chamber*fl-Isptar Generali ta' Ghawdex. Wiehed gie ingaggat wara li harget sejha ghall-applikazzjonijiet ghall-post ta' *General Practitioner* fl-Isptar Generali ta' Ghawdex li fiha kien hemm applikant wiehed, u l-iehor intghaazel wara sejha interna fost it-tobba li wkoll kien hemm applikant wiehed. It-tahrig qed jinghata mill-European College of Baromedicine lit-tobba, technicians u nurses li ser jahdmu fil-unit u ser jiswa €23,300.

Seduta Numru 6
20/05/2008

**QORTI T'GĦAWDEX - FATTIGA**

***162. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru għal Għawdex: Tista` l-Ministru tgħid meta ser tiġi ngaġġata fattiga għall-Qorti ta' Għawdex peress li issa s-sitwazzjoni saret insostenibbli?

13/05/2008

**ONOR. GIOVANNA DEBONO:** Ninsab infurmata li qieghdin jittiehdu l-passi mehtiega sabiex il-vaganza ta' fattiga fil-Qorti t'Ghawdex timtela.

Seduta Numru 6
20/05/2008

**STUDENTI GĦAWDXIN - FACILITATORS**

***164. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru għall-Edukazzjoni, Kultura, Żgħażagħ u Sport: Peress li f'Għawdex hemm diversi talbiet pendenti għal-*facilitators* u ħafna każijiet huma urġenti u iktar ma jitwal il-proċess iktar qed issir ħsara lill-istudenti konċernati, tista` l-Ministru tgħid jekk hux maħsub li fil-ġimgħat li ġejjin se jiġu allokati *facilitators* lil dawn l-istudenti Għawdxin?

13/05/2008

**ONOR. DOLORES CRISTINA:** L-istatementing Moderating Panel għadu kif mar Għawdex f'April 2008 u ra tnax-il tifel u tifla mill-iskejjel. Applikazzjonijiet pendenti hemm 38. Ħafna minn dawn l-applikazzjonijiet huma ta' tfal li jinsabu fi klassijiet fejn diġa' hemm LSA (f*acilitator*) u qed jingħataw għajnuna.Il-bord qed jara li l-iskejjel jirreferu dawn it-tfal għall-servizzi oħra lli jistgħu jibbenefikaw minnhom. Kull applikazzjoni li jirċievi l-iStatementing Moderating Panel tingħata attenzjoni li jistħoqilha. Għadha kif ħarġet ukollsejħa għall-applikazzjoni għall-*Supply LSA.*

Seduta Numru 6
20/05/2008

**GĦAWDEX - SPTAR ĠENERALI**

***167. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru għall-Politika Soċjali: Jista` l-Ministru jgħid kemm jiġi jiswa kull vjaġġ bil-*helicopter* mill-iSptar Ġenerali ta' Għawdex għall-iSptar Mater Dei biex jinġarru pazjenti minn sptar għall-ieħor?

14/05/2008

**ONOR. JOHN DALLI:** It-tagħrif mitlub għadu qed jinġabar , tweġiba tingħata f'xi Seduta oħra.

Seduta Numru 6

20/05/2008

**QORTI T'GĦAWDEX - SEPARAZZJONIJIET**

***168. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern: Jista` l-Ministru jgħid kemm ġew intavolati proċeduri ta' separazzjoni fil-Qorti ta' Għawdex fl-2007, bonarji u kontenzjużi separatament? Jista' jgħid kemm minnhom ġew finalizzati permezz ta' sentenza jew ftehim bonarju separatament?

13/05/2008

**ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba għal din il-Mistoqsija Parlamentari hija kif ġej:-

| | BONARJA | KONTENZJUŻI |
|---|---|---|
| Intavolati | 14 | 13 |
| Finalizzati (sentenza) | Mhux applikabbli | 0 |
| Finalizzati (ftehim bonarju) | 14 | 1 (ċeduti) |

Bonarja = B'nota ta' medjazzjoni
Kontenzjużi = B'rikors ġuramentat

Seduta Numru 7
21/05/2008

**XORB LIL MINORENNI**

***169. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern: Jista` l-Ministru jgħid kemm tressqu nies il-Qorti ta' Għawdex in konnessjoni ma' bejgħ ta' xorb lill-minorenni minn mindu giet *in vigore* l-ligi?

13/05/2008

**ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li minn mindu ġiet *in vigore* l-Liġi, ma tressaq ħadd fil-Qorti ta' Għawdex in konnessjoni ma' bejgħ ta' xorb lil minorenni.

Seduta Numru 7
21/05/2008

**QORTI T'GĦAWDEX - SEWQAN MINGĦAJR LIĊENZJA**

***170. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern: Jista` l-Ministru jgħid kemm tressqu minorenni fil-Qorti ta' Għawdex in konnessjoni ma' sewqan mingħajr liċenzja f'dawn l-aħħar sentejn?

13/05/2008

**ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li f'dawn l-aħħar sentejn tressaq minorenni wieħed fil-Qorti ta' Għawdex in konnessjoni ma' sewqan mingħajr liċenzja.

Seduta Numru 7
21/05/2008

**QORTI TA' GĦAWDEX - KAŻI TA' PROSTITUZZJONI**

***171. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern: Jista` l-Ministru jgħid kemm tressqu nies il-Qorti ta' Għawdex in konnessjoni ma' tlajjar jew prostituzzjoni f'dawn l-aħħar sentejn u jindika l-etajiet u s-sess tal-persuni mressqa?

14/05/2008

**ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI:** Ninsab infurmat li f'dawn l-aħħar sentejn ma tressaq ħadd fil-Qorti ta' Għawdex in konnessjoni ma' tlajjar jew prostituzzjoni.

Seduta Numru 7
21/05/2008

**QORTI TA' GĦAWDEX - VJOLENZA DOMESTIKA**

***172. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern: Jista` l-Ministru jgħid kemm tressqu nies il-Qorti ta' Għawdex in konnessjoni ma' vjolenza domestika f'dawn l-aħħar sentejn u jagħti l-etajiet tal-persuni akkużati? Jista' jgħid kemm minnhom weħlu u kemm minnhom ġew liberati jew proċediment eżawrit *stante* rinunzja tal-vittma?

14/05/2008

**ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI:** L-informazzjoni għal din il-Mistoqsija Parlamentari għadha qed tinġabar u tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta Numru 7
21/05/2008

**QORTI T'GĦAWDEX - DROGA**

***173. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern: Jista` l-Ministru jgħid kemm tressqu nies il-Qorti ta' Għawdex f'dawn l-aħħar sentejn in konnessjoni ma' traffikar u użu ta' droga separatament u jindika l-eta' u sess tal-persuni mressqa?

14/05/2008

**ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li f'dawn l-aħħar sentejn tressqu żewġ persuni fil-Qorti ta' Għawdex in konnessjoni ma' traffikar u użu ta' droga. Iż-żewġ persuni involuti fiż-żewġ każijiet huma t-tnejn maskili. L-eta' tagħhom hija ta' 38 u 41 sena.

Seduta Numru 7
21/05/2008

**GĦAWDEX, XEWKIJA - TRIQ IL-KBIRA**

***215. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru għal Għawdex: Peress li r-residenti ta' Triq il-Kbira, fix-Xewkija, Għawdex qed jilmentaw minħabba l-ħafna ħofor fondi li hemm f'din it-triq, tista' l-Ministru tara li f'din it-triq issir il-manutenzjoni opportuna?

15/05/2008

**ONOR. GIOVANNA DEBONO:** Peress li l-manutenzjoni tat-triq imsemmija taqa' fir-responsabilita' tal-Kunsill Lokali ta' din il-lokalita' nitlob lill-Onorevoli Nterpellant jirreferi l-mistoqsija lill-Ministru koncernat.

Seduta Numru 8
26/05/2008

**ŻWIĠIJIET ĊIVILI**

***292. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru għall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm żwiġijiet ċivili f'Għawdex bejn persuni Maltin u persuni ta' nazzjonalita' barranija f'dawn l-aħħar tlett snin separatament? Jista' jindika s-sess u l-eta' tal-partijiet u jgħid jekk tweldux tfal minn dawn iż-żwiġijiet?

19/05/2008

**ONOR. AUSTIN GATT:** Nitlob lill-Onor Interpellant jirreferi il-Mistoqsija tiegħu lil Ministru konċernat.

Seduta Numru 8
26/05/2008

**REĠISTRU PUBBLIKU - DIVORZJI**

***293. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru għall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm ġew reġistrati divorzji fir-Reġistru Pubbliku ta' Għawdex f'dawn l-aħħar tlett snin separatament u jindika l-pajjiżi ta' min fejn ġew ottenuti dawn id-divorzji?

19/05/2008

**ONOR. AUSTIN GATT:** Nitlob lill-Onor Interpellant jirreferi il-Mistoqsija tiegħu lill-Ministru konċernat.

Seduta Numru 8
26/05/2008

**GĦAWDEX - PROĠETTI**

***294. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru għal Għawdex: Tista' l-Ministru tgħid xi proġetti ser jitwettqu matul is-sena kurrenti mill-Gvern biex Għawdex ikun gżira ekoloġika, kif ukoll x'miżuri konkreti u x'passi konkreti ser jittieħdu din is-sena biex Għawdex verament ikun mudell ta' żvilupp sostenibbli?

19/05/2008

**ONOR. GIOVANNA DEBONO:** Jiena nfurmata li bhalissa ghaddejja l-hidma biex jithejja l-pjan ghat-twettiq tal-vizjoni 'Eco-Ghawdex' li l-gvern ghandu ghal Ghawdex. Il-progetti u l-mizuri li ser jitwettqu fil-kuntest tal-inizjattiva Eko-Ghawdex jithabbru aktar 'il-quddiem.

Seduta Numru 8
26/05/2008

**CHILD CARE CENTRES**

***295. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru għal Għawdex: Tista' l-Ministru tgħid jekk l-Gvern għandux xi pjanijiet għall-ftuħ ta' *child care centres* u faċilitajiet oħra għat-tfal f'Għawdex fil-futur qrib?

19/05/2008

**ONOR. GIOVANNA DEBONO:** Il-Ministeru qieghed ihejji l-pjanijiet necessarji ghall-post centrali biex jintuza bhala *Child Care Centre.* Il-hsieb hu li dan ic-*Child Care Centre* l-ewwel jibda jilqa' fih t-tfal tal-haddiema tas-Servizz Pubbliku u wara jista jinfetah ukoll ghall-haddiema tal-privat.

Seduta Numru 8
26/05/2008

**FONDAZZJONI ARKA**

***297. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru għall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni: Peress li l-Fondazzjoni Arka u entitajiet oħra għall-skopijiet benefiċi għandhom ħafna spejjeż inkluż dawk tad-dawl u ilma u *surcharge*, hemm xi ħsieb li din il-fondazzjoni u entitajiet simili oħrajn jiġu eżentati mill-ħlas tas-*surcharge* jew jingħataw xi forma ta' għajnuna oħra in konnessjoni ma' dawn l-utilitajiet biex itaffu ftit mill-ispejjeż tagħhom?

19/05/2008

**ONOR. AUSTIN GATT:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi l-mistoqsija tiegħu lill-Ministru konċernat.

Seduta Numru 8
26/05/2008

**FONDAZZJONI ARKA - ĦLAS TAL-VAT**

***298. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment: Peress li l-Fondazzjoni Arka u entitajiet oħra għal skopijiet benefiċi għandhom ħafna spejjeż inklużi dawk tal-VAT, hemm xi ħsieb li din il-fondazzjoni u entitajiet oħra jiġu eżentati mill-ħlas tal-VAT jew jingħataw xi forma ta' għajnuna oħra biex itaffu ftit mill-ispejjeż tagħhom?

19/05/2008

**ONOR. ANTONIO FENECH:** Risposta tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta Numru 9
27/05/2008

**FONDAZZJONI ARKA - ĦLAS TAL-VAT**

***298. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment: Peress li l-Fondazzjoni Arka u entitajiet oħra għal skopijiet benefiċi għandhom ħafna spejjeż inklużi dawk tal-VAT, hemm xi ħsieb li din il-fondazzjoni u entitajiet oħra jiġu eżentati mill-ħlas tal-VAT jew jingħataw xi forma ta' għajnuna oħra biex itaffu ftit mill-ispejjeż tagħhom?

19/05/2008

**ONOR. TONIO FENECH:** Ngħarraf lill-Onor. Interpellant illi l-artikolu 56 tal-Att dwar it-Taxxa fuq Valur Miżjud jipprojbixxi li tingħata informazzjoni dwar persuni jew entitajiet partikolari.

Kull entita' li m'għandhiex attivita' ekonomika taxxabbli skond il-liġi fuq imsemmija u li tipprovdi biss provvisti li huma elenkati fit-tieni parti tal-Ħames Skeda ma' l-Att dwar it-Taxxa fuq Valur Miżjud, hija meqjusa bħala eżenti mingħajr kreditu.

Ngħarraf lill-Onor. Interpellant illi l-Fondazzjoni Arka, bħal numru ta' għaqdiet u organizzazzjonijiet oħra, ingħataw kontribuzzjonijiet mill-Fond għall-Kawżi Ġusti wara li resqu t-talba tagħhom għall-kunsiderazzjoni tal-Kumitat, u wara li dawn ġew aċċettati mill-istess Kumitat.

Seduta Numru 16
11/06/2008

**PARTEĊIPAZZJONI TAL-MARA**

***300. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru għall-Politika Soċjali: Jista' l-Ministru jgħid xi pjanijiet għandu l-Gvern sabiex f'Għawdex tiżdied il-parteċipazzjoni tal-mara fid-dinja tax-xogħol?

19/05/2008

**ONOR. JOHN DALLI:** L-inizjattivi tal-Gvern maħsuba biex tiżdied il-parteċipazzjoni tan-nisa fid-dinja tax-xogħol ma jagħmlux distinzjoni bejn dawn li jgħixu Malta u Għawdex.

Fost dawn l-inizjattivi hemm:

· Diversi korsijiet ta' taħrig u programmi mnedijja mill-Korporazzjoni għax-Xogħol u Taħriġ;

· L-introduzzjoni ta' diversi *family friendly measures* fis-settur pubbliku kollu;

· Proġetti u programmi ta' l-Unjoni Ewropeja li jippromwovu l-ugwaljanza, organizzati mill-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni ta' l-Ugwaljanza;

· Tnaqqis tat-taxxa sa massimu ta' €1,630 għal nisa li jirritornaw għax-xogħol wara waqfa ta' ħames snin filwaqt li dawk li jixtiequ jaħdmu *part-time* jistgħu jibbenefikaw minn rata ta' 15% taxxa fuq dak li jaqilgħu sakemm ma jaqbżux dħul ta' €6,990;

· Tnaqqis sa €932 mit-taxxi għal dawk li jibgħatu t-tfal tagħhom ġo *child care centres* registrati;

· Minn jaħdem *part-time* għal aktar minn 8 siegħat fil-ġimgħa jkun intitolat għal benefiċċji pro-rata;

· Tnaqqis sostanzjali fil-faxxex kollha tat-taxxa kemm jekk issir dikjarazzjoni separata u anke jekk issir dikjarazzjoni konġunta;

· Tnaqqis mill-income taxxabli meta raġel jew mara jaħdmu fil-kumpanija tal-familja,

· Kreditu ta' sentejn kontribuzzjonijiet tas-Sigurta' Soċjali għal kull wild (4 snin fil-każ ta' tfal b'diżabilita').

Seduta Numru 9
27/05/2008

**GOZO 1234**

***328. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jirrispondi mistoqsija parlamentari 122, li oriġinarjament saret lill-Ministru għal Għawdex u issa ġiet riferuta lilu, u cioe': jista' jpoġġi fuq il-mejda tal-Kamra kopja tal-ftehim milħuq ma' l-organizzaturi tal-Gozo1234 kif ukoll jagħti dettalji

kollha opportuni dwar l-għażla ta' l-istess organizzaturi u jgħid kemm il-Gvern kellu fondi a disposizzjoni tiegħu għal din l-attivita' u jagħti *breakdown* ta' kif dawn il-fondi ġew utilizzati?

19/05/2008

**ONOR. LAWRENCE GONZI:** Qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tad-dokument mitlub kif ukoll tabella kif ġew utilizzati l-flus għal din l-attività. Ta' min igħid li l-ispejjeż totali huma aktar minn dak li ser joħroġ il-Gvern permezz tas-Segretarjat Parlamentari għat-Turiżmu u l-Ministeru għal Għawdex.

L-għażla saret wara sejħa pubblika għal proposti u dawn l-istess proposti (tnejn) ġew evalwati fuq l-esperjenza ta' dawk li wrew interess li jorganizzaw l-attività kif ukoll fuq l-offerta finanzjarja. L-offerta li għamel il-Konsorzju *Burning Spear* kienet turi firxa estensiva t'attivitajiet u kienet orħos minn l-offerta l-oħra sottomessa. Il-Konsorzju kellu wkoll esperjenza li jorganizza attivitajiet simili tal-massa.

Seduta Numru 9
27/05/2008

**GĦAWDEX,RABAT - TRIQ SANTA DMINKA**

***329. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru għal Għawdex: Tista' l-Ministru tirrispondi mistoqsija parlamentari 121, li oriġinarjament saret lill-Ministru għall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni u issa ġiet riferuta lilha, u cioe': peress li r-residenti ta' Triq Santa Dminka, Rabat, Għawdex qed jilmentaw minħabba l-fatt li kull meta tagħmel kwantita' ta' xita din it-triq qed tispiċċa mgħarrqa u dan b'dannu u inkonvenjent kbir għar-residenti ta' din it-triq, tista' l-Ministru tara li din is-sitwazzjoni tiġi ndirizzata kemm jista' jkun malajr?

19/05/2008

**ONOR. GIOVANNA DEBONO:** Jiena nfurmata li s-sitwazzjoni ta' Triq Santa Dminka fir-Rabat, Ghawdex diga bdiet tigi ndirizzata permezz ta' *Water culvert* li sar f'parti minn din it-triq u twessiegh ta' kanal tal-ilma li jaghti ghal Wied Siekel. Hu mahsub li jigi estiz il-*water culvert* fi Triq santa Dminka biex jilqa' ahjar l-ilma li jigi minn Triq Carolina Cauchi, Triq Cetta Mintoff u Triq Manuel Dimech biex ikompli jittaffa l-inkonvenjent

Seduta Numru 9
27/05/2008

**MINISTERU GĦAL GĦAWDEX - VAKANZI**

***412. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru għal Għawdex: Tista` l-Ministru tgħid kemm kien hemm sejħiet għall-applikazzjoni biex jimtlew vakanzi fid-dekasteru kollu tagħha f'dawn l-aħħar tlett snin? Kemm kien hemm applikanti għal kull post? Kemm minnhom kienu nisa u kemm minnhom irgiel? X'kienet l-eta` tagħhom? Tista' tagħti s-sess u l-eta` tal-persuna magħżula?

21/05/2008

**ONOR. GIOVANNA DEBONO:** Ninsab infurmata li l-informazzjoni mitluba mill-Onorevoli Nterpellant hija kif murija fit-tabella li qed inpoggi fuq il-mejda tal-Kamra.

Seduta Numru 9
27/05/2008

**KUNSILL TAL-KULTURA GĦAL GĦAWDEX**

***415. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru għal Għawdex: Tista` l-Ministru tgħid kif inhu kompost il-Kunsill tal-Kultura għal Ghawdex u meta saru l-ħatriet? Tista' tgħid ukoll kull wieħed u waħda mill-membri xi kwalifiki jew esperjenza għandhom fil-qasam tal-kultura?

21/05/2008

**ONOR. GIOVANNA DEBONO:** Il-Kunsill tal-Kultura l-gdid ghadu ma giex mahtur peress li bhalissa qeghdin jigu studjati proposti li hargu mit-Tieni Konferenza Regjonali tal-Kultura li saret ix-xahar li ghadda fir-rigward ta' strutturi imsahha fil-qasam tal-Kultura f'Ghawdex.

Seduta Numru 9
27/05/2008

**MINISTERU GĦALL-ATTIVITAJIET KULTURALI**

***416. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru għal Għawdex: Tista` l-Ministru tgħid x'għajnuniet ingħataw mill-Ministeru għall-Attivitajiet Kulturali f'dawn l-aħħar sena u nofs u lil min intgħatat l-għajnuna?

21/05/2008

**ONOR. GIOVANNA DEBONO:** Ninsab infurmata li l-informazzjoni mitluba mill-Onorevoli Nterpellant hija kif murija fit-tabella li qed inpoggi fuq il-mejda tal-Kamra.

Seduta Numru 10
28/05/2008

**MINISTERU GĦALL-ATTIVITAJIET SPORTIVI**

***417. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru għal Għawdex: Tista` l-Ministru tgħid x'għajnuniet ingħataw mill-Ministeru għall-Attivitajiet Sportivi jew lill-għaqdiet sportivi matul l-aħħar sena u nofs?

21/05/2008

**ONOR. GIOVANNA DEBONO:** Ninsab infurmata li l-informazzjoni mitluba mill-Onor. Interpellant hija kif murija fit-tabella li qed titpogga fuq il-mejda tal-Kamra.

Seduta Numru 10
28/05/2008

**GĦAWDEX - PIXXINA**

***419. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru għal Għawdex: Tista` l-Ministru tgħid x'sar mill-proposta għall-ftuħ ta' pixxina ġewwa Għawdex?

21/05/2008

**ONOR. GIOVANNA DEBONO:** Il-Ministeru qieghed jahdem fuq il-pjanijiet biex il-proposta li ssir pixxina gewwa Ghawdex titwettaq kif imwieghed.

Seduta Numru 10
28/05/2008

**MINISTERU GĦAL GĦAWDEX - DIRECT ORDERS**

***426. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru għal Għawdex: Tista` l-Ministru tgħid kemm kien hemm *direct orders* mill-Ministeru f'din l-aħħar sena, min ħa d-*direct order*, għal liema xogħol u b'liema prezz?

21/05/2008

**ONOR. GIOVANNA DEBONO:** Ninsab infurmata li l-informazzjoni mitluba mill-Onorevoli Nterpellant hija kif murija fit-tabella li qed inpoggi fuq il-mejda tal-Kamra.

Seduta Numru 11
02/06/2008

**GĦAWDEX - PATCHING TA' TOROQ**

***427. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru għal Għawdex: Tista' l-Ministru tgħid fejn sar xogħol ta' *patching* ta' toroq f'din l-aħħar sena?

22/05/2008

**ONOR. GIOVANNA DEBONO:** Jiena nfurmata li x-xoghol ta' *patching* li sar f'Ghawdex mill-haddiema tal-Gvern b'materjal provdut minn fondi tal-Ministeru ghal Ghawdex f'din l-ahhar sena, huwa kif jidher fl-iskeda li qed titpogga fuq il-mejda tal-Kamra. Dan ix-xoghol ma jinkludix xoghol maghmul mill-Kunsilli Lokali f'Ghawdex.

Seduta Numru 11
02/06/2008

**SANNAT - APPLIKAZZJONI GĦALL-GĦALLIEMA**

***428. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru għall-Edukazzjoni, Kultura, Żgħażagħ u Sport: B'referenza għall-mistoqsija parlamentari 124, peress li f'Għawdex għandna *unit* speċjali f'Ta' Sannat, tista' l-Ministru ġentilment tgħid kemm-il sejħa għall-applikazzjoni għall-għalliema ħarġet f'din l-*unit* f'din l-iskola f'dawn l-aħħar tlett snin separatament, kemm applikaw u kemm eventwalment ġew ingaġġati? Tista' *inoltre* tgħid jekk f'dawn is-sejħiet isirux xi *interviews* jew x'tip ta' proċess sar biex ġew magħżula?

21/05/2008

**ONOR. DOLORES CRISTINA:** Informata li fl-aħħar tlett snin ma saret l-ebda sejħa għall-applikazzjoni għal għalliema għall-iskola ta' Prof. Ġuże Aquilina, Sannat Primary C. Il-Unit li hemm f'din l-iskola jagħmel parti mill-iskola Primarja. Għaldaqstant meta jkun hemm nuqqas ta' staff isir il-proċess normali ta' trasferiment.

Seduta Numru 11
02/06/2008

**MEDIĊINA PLAVIX**

***532. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru għall-Politika Soċjali: Peress li hawn ħafna nies qed jigu preskritti l-mediċina Plavix u din hija mediċina li tiswa l-flus u allura ħafna ma jifilħux iħallsuha għaliha, in vista tal-fatt li din l-mediċina ma tinsabx fl-ispiżeriji tal-Gvern , jista` l-Ministru jara kif jindirizza din il-problema biex tibda tiġi fornuta mill-ispiżeriji tal-Gvern?

26/05/2008

**ONOR. JOHN DALLI:** Informat li l-Mediċina Clopidogrel li ġġib l-isem ta' Plavix, fil-mument qed tiġi ikkunsidrata u diskussa fil-kumitat li jagħi pariri fuq id-dħul ta' mediċi fuq il-formularju tal-gvern (GFLAC). It-talba biex din il-mediċina tidħol fil-formularju tal-gvern qed tiġi pproċessata.

Seduta Numru 11
02/06/2008

**SPIŻERIJA TAL-GVERN**

***533. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru għal Għawdex: Peress li ħafna qed jilmentaw li l-ispiżerija tal-Gvern qed tagħlaq fil-ħin minkejja li xi drabi ikun għad baqa` kju twil ta' nies jistennew għall-medicini, tista` l-Ministu tara jekk hux possibbli li jsiru arrangamenti biex meta jkun għad fadal in-nies l-ispiżerija tibqa' miftuħa sakemm jinqeda kulħadd?

26/05/2008

**ONOR. GIOVANNA DEBONO:** Jiena nfurmata li l-ispizerija tal-Gvern tkun miftuha ghall-pubbliku bejn is-7.30 u l-11.30 ta' fil-ghodu. Kull min ikun prezenti sal- 11.30 jinqeda. Saru arrangamenti, wara diskussjoni ma l-istaff sabiex l-ispizerija

tibqa miftuha ghall-pubbliku sas-1.00 ta' wara nofsinhar fost il-Gimgha u sal-11.30 ta' fil-ghodu kull nhar ta' Sibt.

Seduta Numru 11
02/06/2008

**QORTI TAL-FAMILJA T'GĦAWDEX - ANNULLAMENT TA' ŻWIEĠ**

***534. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern: Jista' l-Ministru jgħid kemm daħlu kawzi ta' annullamenti ta' żwieġ fil-Qorti tal-Familja ta' Għawdex f'dawn l-aħħar sentejn, kif ukoll fl-istess żmien kemm ingħataw sentenzi fejn intlaqgħet it-talba u fejn ġiet miċħuda mill-qorti separatament u quddiem liema magistrat?

26/05/2008

**ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI:** L-informazzjoni mitluba mill-Onorevoli Interpellant hija kif ġejja:

Kawżi għall-annullament taż-żwieġ preżentati
fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Sezzjoni Familja
matul l-aħħar sentejn (26/05/2006 – 26/05/2008)

| | |
|---|---|
| Kawżi introdotti (26/05/2006 – 26/05/2008) | 11 |
| Deċiżi ** (26/05/2006 – 26/05/2008) | |
| Maġistrat Dr A. Micallef Trigona | 1 |
| Maġistrat Dr P. Coppini | 10 |
| Maġistrat Dr A. Ellul | 4 |
| **Total** | **15** |

**Ninsab informat ukoll illi ma tinżammx statistika ta' kif jinqatgħu l-kawżi, fis-sens jekk tiġix milqugħa jew miċħuda t-talba.**

Seduta Numru 11
02/06/2008

**GĦAWDEX - SKEMI TA' HOUSING**

***537. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru għall-Politika Soċjali: Jista' l-Ministru jgħid kemm ġew sottomessi applikazzjonijiet minn persuni f'Għawdex għall-iskemi ta' *housing* f'dawn l-aħħar sentejn u jagħti l-informazzjoni għal kull skema separatament u kull sena?

26/05/2008

**ONOR. JOHN DALLI:** Ninsab infurmat li t-tagħrif mitlub mill-Onor. Interpellanti

hu kif jidher fit-Tabella li ser inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra..

Seduta Numru 12
03/06/2008

**SKAVAR FIX-XEWKIJA**

***709. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru għall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni: B'riferenza għall-mistoqsija parlamentari 120, peress li r-residenti tax-Xewkija,Għawdex qed isaqsu u jinsabu nkwetati ħafna dwar l-iskavar li qed isir fix-Xewkija stess għal xi żvilupp in konnessjoni ma' l-Enemalta, jista' l-Ministru jispjega eżatt fiex jikkonsisti dan l-iżvilupp? Għal x'hiex ser jintuża? Jista' jintavola l-pjanti opportuni u kopja ta' l-applikazzjoni għall-permess tal-MEPA fuq il-Mejda tal-Kamra?

02/06/2008

**ONOR. AUSTIN GATT:** Ninsab infurmat li L-iżvilupp li qed isir minn naħa tal-Enemalta fix-Xewkija Għawdex huwa ċ-Ċentru tad-Distribuzzjoni tat-33kV li permezz tiegħu ser itejjeb il-kwalita tal-elettriku ġewwa Għawdex u bini ta' uffiċini ġodda biex jakkomodaw in-nies tal-Enemalta tad-Distrett ta' Għawdex.

Qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra, kopja tal-"Original Decision Notice" mill-MEPA u pjanti relatati.

Seduta Numru 14
09/06/2008

**VJAĠĠ MINN SPTAR GĦALL-IEĦOR**

***712. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru għall-Politika Soċjali: B'riferenza għall-mistoqsija parlamentari 167, jista' l-Ministru jgħid kemm jiġi jiswa kull vjaġġ bil-*helicopter* mill-Isptar Ġenerali ta' Għawdex għall-Isptar Mater Dei biex jinġarru pazjenti minn l-isptar għall-ieħor?

02/06/2008

**ONOR. JOHN DALLI:** Informat li l-helicopter użat huwa tal-Forzi Armati ta' Malta u t-taqsima tas-Saħħa tagħna ma tħallasx għal dan is-servizz. It-taqsima tas-Saħħaa tħallas biss il-polza tas-sigurta' (Insurance Cover) li tammonta għal EU23.29 kull vjaġġ għal kull persuna mpjegata magħha.

Seduta Numru 14
09/06/2008

**KAĊĊA TAL-FENEK**

***715. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern: Jista' l-Ministru jgħid x'inhuma r-rekwiżiti sabiex issir applikazzjoni għall-liċenzja tal-kaċċa tal-fenek?

02/06/2008

**ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI:** Ninsab infurmat li persuna li tixtieq tapplika għall-kaċċa tal-fenek trid tissoddisfa dawn ir-rekwiżiti:-

- Trid tkun 'il fuq minn 18 il-sena
- Trid tkun ċittadin ta' Malta ai terminu tal-Artikolu 23 tal-Kap 480
- Irid ikollha kondotta nadifa ai terminu tal-Artikolu 24 tal-Kap 480
- Trid tkun imsieħba ma' għaqda rikonoxxuta, (jekk mhux diġa membru)
- Trid konferma mill-għaqda li ma ssibx oġġezzjoni li dak il-membru japplika għal-liċenzja tal-kaċċa tal-fenek selvaġġ u pjanta uffiċjali tal-post ta' fejn ikun ser jikkaċċja.

Fil-każ li l-applikant ikun ser jikkaċċja fuq l-art tiegħu, irid iġib prova bħala sid l-art. Jekk l-art ma tkunx ta' l-applikant, irid iġib kopja tal-karta tal-identita' u permess ta' sid l-art li jindika li t-tali persuna qiegħda tingħata permess tikkaċċja fuq dik l-art tiegħu. L-applikant għandu ukoll jippreżenta l-karta ta' l-identita' tiegħu u joqgħod għal eżami orali li jsir mill-MEPA.

Seduta Numru 14
09/06/2008

**GĦAWDEX - TWELID TA' TRABI**

***822. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru għal Għawdex: Tista' l-Ministru tirrispondi mistoqsija parlamentari 535 li oriġinarjament saret lill-Ministru għall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni u issa ġiet riferuta lilha, u tgħid kemm twieldu trabi f'Għawdex fl-aħħar sentejn u kemm minnhom twieldu minn koppji miżżewġa?

03/06/2008

**ONOR. GIOVANNA DEBONO:** Ninsab infurmata li l-informazzjoni mitluba mill-Onorevoli Nterpellant hija kif murija fit-tabella annessa.

**Mistoqsija Parlamentari Numru 822**

| Numru ta' twelidijiet ta' trabi matul is-sena 2006 | Kemm minnhom twieldu minn koppji miżżewġa (jiġifieri fl-2006) | Numru ta' twelidijiet ta' trabi matul is-sena 2007 | Kemm minnhom twieldu minn koppji miżżewġa (jiġifieri fl-2007) | Numru ta' twelidijiet ta' trabi minn Jannar 2008 sa l-aħħar ta' Mejju 2008 | Kemm minnhom twieldu minn koppji miżżewġa (jiġifieri minn Jannar 2008 sa l-aħħar ta' Mejju 2008) |
|---|---|---|---|---|---|

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 270 | 245 | 278 | 241 | 133 | 114 |

Seduta Numru 15
10/06/2008

**GĦAWDEX - TEENAGE PREGNANCIES**

***824. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru għall-Politika Soċjali: Jista' l-Ministru jirrispondi mistoqsija parlamentari 536, li saret lill-Ministru għall-Edukazzjoni, Kultura, Żgħażagħ u Sport, u issa ġiet riferuta lilu u jgħid kemm kien hemm *teenage pregnancies* f'Għawdex f'dawn l-aħħar sentejn separatament u tindika l-etajiet?

03/06/2008

**ONOR. JOHN DALLI:** It-tagħrif mitlub għadu qed jinġabar tweġiba tingħata f'xi Seduta oħra.

Seduta Numru 15
10/06/2008

**SPTAR ĠENERALI T'GĦAWDEX - TFAL**

***907. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru għal Għawdex: Tista` l-Ministru tgħid kemm ġew trasferiti tfal mill-iSptar Ġenerali ta' Għawdex għall-iSptar St Lukes/Mater Dei f'dawn l-aħħar sena u nofs? Tista' tindika l-etajiet, ir-raġuni għalfejn sar it-trasferiment u b'liema mezz sar dan it-trsferiment (*helicopter*/ambulanza)?

09/06/2008

**ONOR. GIOVANNA DEBONO:** Ninforma lill-Onorevoli Nterpellant li l-informazzjoni mitluba hija kif tidher fit-tabella annessa.

**Mistoqsija Parlamentari Nru. 907**

| Age | Date of Transfer | Reason for Transfer | Transfer to | Transfer By |
|---|---|---|---|---|
| 1yr | 19/02/07 | severe anaemia/jaundice | SCBU/SLH | helicopter |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 12yrs | 10/05/07 | trauma abdomen | Fairyland/SLH | helicopter |
| 1yr 6mths | 17/01/08 | respiratory distress | NPICU/MDH | helicopter |
| 10yrs | 23/03/08 | status epilepticus | ITU/MDH | helicopter |
| 14yrs | 11/06/07 | bronchial asthma (maltese pt) | Disneyland/SLH | ambulance |
| 12yrs | 11/06/07 | severe asthma (maltese pt) | Disneyland/SLH | ambulance |
| 10yrs | 29/08/07 | removal of central line | Fairyland/SLH | ambulance |
| 10yrs | 05/09/07 | removal of central line | UK | ambulance |
| 1yr 6mths | 13/09/07 | head injury/CT | Fairyland/SLH | ambulance |
| Newborn | 26/06/07 | severe jaundice | SCBU | helicopter |
| Newborn | 12/10/07 | severe jaundice | SCBU | helicopter |
| Newborn | 15/2/08 | whining cry (RDS) | SCBU | helicopter |
| Newborn | 10/2/08 | severe jaundice | SCBU | helicopter |

Seduta Nru. 17
(16/06/08)

Seduta Numru 17
16/06/2008

**SPTAR ĠENERALI T'GĦAWDEX - OPERAZZJONIJIET**

***909. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru għal Għawdex: Tista' l-Ministru tgħid kemm saru operazzjonijiet fl-iSptar Ġenerali ta' Għawdex f'dawn l-aħħar sena u nofs min kull kirurgu separatament u telenka t-tipi ta' operazzjonijiet li saru separatament?

09/06/2008

**ONOR. GIOVANNA DEBONO:** Ninsab infurmata li l-informazzjoni mitluba mill-Onorevoli Nterpellant hija kif tidher fil-lista annessa.

**Mistoqsija Parlamentari Nru. 909**

**Lista ta' Kirur?i u n-numru ta' interventi li wettqu matul is-sena 2007 u minn Jannar sa Marzu 2008**

| **Kirurgu :** | **Sena 2007** | **Sena 2008 sal- 31/05/08** |
|---|---|---|
| **Surgical** | | |
| Mr O Kranchenko | 383 | 218 |
| Mr A Pechar | 363 | 125 |
| **Gynae** | | |
| Mr Armatys | 113 | 55 |
| Mr J Mamo | 342 | 121 |
| **Endoscopies** | | |
| Dr V Curmi | 219 | 64 |
| Dr F Farrugia | 113 | 30 |
| Dr R Sciberras | 103 | 38 |
| **Orthopaedic** | | |
| Mr R Aquilina | 252 | 88 |
| **Ophthalmic** | | |
| Mr I Vella | 209 | 104 |
| **Pace Maker** | | |
| Dr V Svejda | 26 | 6 |
| **ENT** | 59 | 34 |
| **Dental** | | |
| Dr S.B.Cardona & Dr F Mercieca | 13 | 6 |
| **Totali** | **2195** | **889** |

* F'?afna każi aktar minn pro?edura wa?da jsiru f'intervent wie?ed u g?alhekk in-numru tal-pro?eduri jidher akbar minn dak tal-interventi.

Seduta Nru. 17
(16/06/08)

Seduta Numru 17
16/06/2008

## SPTAR ĠENERALI T'GĦAWDEX - SPIŻA

***910. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru għal Għawdex: Tista' l-Ministru tgħid kemm hi l-ispiża kull xahar biex jitmexxa l-iSptar Ġenerali t'Għawdex u tagħti *breakdown* ta' l-ispejjeż?

09/06/2008

**ONOR. GIOVANNA DEBONO:** Ninsab infurmata li n-nefqa ta' kull xahar ghall-periodu minn Jannar sa Mejju 2008 hija kif imnizzla fit-tabella annessa.

**Mistoqsija Parlamentari Numru 910 -Sptar Generali t'Ghawdex - Spiza**

| | Vot Rikurrenti | Vot Kapitali |
|---|---|---|
| 2008 | | |
| | € | € |
| *Jannar* | 1,076,550 | 19,178 |
| *Frar* | 1,309,426 | 13,789 |
| *Marzu* | 1,442,752 | 1,534 |
| *April* | 1,362,018 | 11,604 |
| *Mejju* | 1,192,039 | 9,277 |

Seduta Numru 17
16/06/2008

**GĦAWDEX - SPIŻERIJA TAL-GVERN**

***912. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru għal Għawdex: Tista' l-Ministru telenka l-mediċini li huma disponibbli għall-pubbliku mill-ispiżerija tal-Gvern?

09/06/2008

**ONOR. GIOVANNA DEBONO:** Ninsab infurmata li l-informazzjoni mitluba mill-Onorevoli Nterpellant hija kif murija fit-tabelli li qed inpoggi fuq il-mejda tal-Kamra.

Seduta Numru 17
16/06/2008

**SPTAR ĠENERALI T'GĦAWDEX - STAFF**

***914. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru għal Għawdex: Tista' l-Ministru tgħid kemm hemm tobba, speċjalisti, *nurses* u *staff complement* ieħor fil-preżent fl-iSptar Ġenerali t'Għawdex u tgħid kemm kien hemm pazjenti rikoverati f'kull *ward*?

09/06/2008

**ONOR. GIOVANNA DEBONO:** Ninsab infurmata li l-informazzjoni mitluba mill-Onorevoli Nterpellant hija kif murija fit-tabella li qed inpoggi fuq il-mejda tal-Kamra.

Seduta Numru 17
16/06/2008

**SPTAR ĠENERALI T'GĦAWDEX - TESTIJIET**

***915. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru għal Għawdex: Tista' l-Ministru tgħid x'testijiet isiru fil-laboratorju fl-iSptar Ġenerali t'Għawdex?

09/06/2008

**ONOR. GIOVANNA DEBONO:** Lista ta' testijiet li jsiru fit-Taqdima tal-Laboratarju Mediku fl-Isptar Generali ta' Ghawdex qed titpogga fuq il-mejda tal-Kamra.

Seduta Numru 17
16/06/2008

**SPTAR ĠENERALI T'GĦAWDEX - APPARAT**

***917. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru għal Għawdex: Tista` l-Ministru tgħid kemm hemm *wheelchairs* u apparat ortopediku ieħor a dispożizzjoni tal-pubbliku mill-iSptar Ġenerali t'Għawdex? Tista` tgħid kemm inxtara apparat ta' dan it-tip f'dawn l-aħħar ħames snin ?

09/06/2008

**ONOR. GIOVANNA DEBONO:** Ninsab infurmata lli f'dawn l-ahhar hames snin inxtraw 29 *Wheelchair* (10 minnhom ordnati u ghadhom ma gewx ikkunsinjati), 10 *Walking Frames* (ordnati u ghadhom ma gewx ikkunsinjati u 19 il-par *Crutches.*

Seduta Numru 18
17/06/2008

**SPTAR ĠENERALI T'GĦAWDEX - AMBULANZI**

***918. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru għal Għawdex: Tista' l-Ministru tgħid kemm hemm ambulanzi fl-iSptar Ġenerali t'Għawdex u kemm ilhom li nxtraw?

09/06/2008

**ONOR. GIOVANNA DEBONO:** Ninsab infurmata lli hemm hames ambulanzi fl-Isptar Generali t'Ghawdex. Wahda nxtrat fl-1988, tnejn ohra fl-1990, ohra fl-1996 u ohra fl-2003.

Seduta Numru 18
17/06/2008

**SPTAR ĠENERALI T'GĦAWDEX - APPARAT MEDIKU**

***919. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru għal Għawdex: Tista' l-Ministru tgħid x'apparat mediku ġie donat lill-iSptar Ġenerali t'Għawdex f'dawn l-

aħħar sentejn?  Minn min u kemm jiswa?

09/06/2008

**ONOR. GIOVANNA DEBONO:** Ninsab infurmata li l-informazzjoni mitluba mill-Onorevoli Nterpellant hija kif murija fit-tabella annessa

.

**Mistoqsija Parlamentari Nru. 919**

| Item | value | Donated by |
|---|---|---|
| Pulse Oximeter | Lm200 (€465.87) | Friends of the Gozo Hospital |
| Gynae Ultrasound | Lm2650 (€6172.84) | Friends of the Gozo Hospital |
| Gym Bicycle | Lm120 (€279.52) | Friends of the Gozo Hospital |
| Infra Red Lamp | Lm650 (€1514.09) | Friends of the Gozo Hospital |
| Interfernetial Unit | Lm1371(€3193.57) | Friends of the Gozo Hospital |
| Monitor – Vital Signs | Lm600 (€1397.62) | Friends of the Gozo Hospital |
| Cardiac Monitors (2) | Lm 4500 each (€10482.18 each) | CCU Monitors Foundation |
| ITU Monitors (2) | Lm 4500 each (€10482.18 each) | CCU Monitors Foundation |

Seduta Nru 18

(17.06.08)

Seduta Numru 18
17/06/2008

**SPTAR ĠENERALI T'GĦAWDEX - MANUTENZJONI**

***920. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru għal Għawdex: Tista' l-Ministru telenka x-xogħol kollu ta' manutenzjoni jew *upgrading* li sar fl-iSptar Ġenerali t'Għawdex f'dawn l-aħħar tliet xhur, xahar xahar separatament? Fejn sar, minn min u kemm sewa?

09/06/2008

**ONOR. GIOVANNA DEBONO:** L-informazzjoni mitluba mill-Onorevoli Nterpellant hija kif murija fit-tabella li qed titpogga fuq il-mejda tal-Kamra.

Seduta Numru 18
17/06/2008

**SPTAR ĠENERALI T'GĦAWDEX - STAFF**

***921. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru għal Għawdex: Tista' l-Ministru tgħid jekk kienx hemm xi ingaġġ ta' *staff* jew ingħatawx *promotions* lill-istaff ta' l-iSptar Ġenerali t'Għawdex jew saru xi trasferimenti minn jew għal dan l-isptar f'dawn l-aħħar ħames xhur separatament u tagħti d-dettalji relattivi?

09/06/2008

**ONOR. GIOVANNA DEBONO:** Ninsab infurmata li l-informazzjoni mitluba mill-Onorevoli Nterpellant hija kif murija fit-tabella li qed inpoggi fuq il-mejda tal-Kamra.

Seduta Numru 18
17/06/2008

**GĦASRI - TRIQ FANAL - HUMP**

***1179. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru għall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni: Peress li r-residenti ta' Triq Fanal,Għasri qed jilmentaw m inħabba l-fatt li qed jgħaddu ħafna vetturi b'ċertu veloċita', jista' l-Ministru jara l-possibilita' li ssir *hump* biex jiġi evitat l-perikolu li qed jilmentaw dwaru dawn ir-residenti?

18/06/2008

**ONOR. AUSTIN GATT:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jagħmel il-Mistoqsija tiegħu lill-Ministru konċernat.

Seduta Numru 21
23/06/2008

**GĦAJNUNA LILL-KUNSILLI LOKALI**

***1180. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru għal Għawdex: Tista' l-Ministru tgħid x'għajnuna ta l-Ministeru lill-Kunsilli Lokali Għawdxin fl-aħħar sena u tindika wkoll it-tip ta' għajnuna li ngħatat lil kull Kunsill Lokali u meta ngħatat?

18/06/2008

**ONOR. GIOVANNA DEBONO:** Peress li l-informazzjoni ghadha qed tingabar, risposta tinghata f'xi seduta ohra.

Seduta Numru 21

23/06/2008

**TV MODA**

***1181. L-ONOR. JUSTYNE CARUANA** staqsiet lill-Ministru għal Għawdex: Tista' l-Ministru tgħid x'għajnuna qed jagħti jew li beħsiebu jagħti l-Ministeru għall-avvenimenti ta' TV Moda li ser issir f'Għawdex ix-xahar id-dieħel?

18/06/2008

**ONOR. GIOVANNA DEBONO:** Ninforma lill-Onorevoli Nterpellant li l-Ministeru ghal Ghawdex ta l-permess sabiex din l-attivita' tkun tista tigi riklamata fuq il-*bill boards* li ghandu l-Ministeru.

Seduta Numru 21
23/06/2008